MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 485/2010

**Mobisle Communications Ltd. (C24655)**

**Vs**

**David Mark Bookey**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, hames mija u sebgha w erbghin Ewro w disgha w hamsin centesmu (€4,547.59) liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru 470241 u 507062 moghti mis-socjeta' attrici, w dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza

Bl-ispejjez komprizi dawk tal- prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 9 ta' Gunju 2011, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, fl-ghassa tal-pulizija ta' San Pawl il-Bahar kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 16 tergo).

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza ukoll permezz ta' avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern tal-10 ta' Gunju 2011 u fil-gazetta lokali The Times of Malta datata 4 ta' Lulju 2011.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici w lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. F'din is-seduta l-Prokuratur Legali Noel Scerri pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, hames mija w sebgha w erbghin Ewro w disgha w hamsin centesmu (€4,547.59) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------